KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fil-11 ta' Settembru 2018 [1]

Kawża C-457/17

Heiko Jonny Maniero
vs
Studienstiftung des deutschen Volkes eV

(Talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja))

(Direttiva 2000/43/KE — Ugwaljanza fit-trattament tal-persuni irrispettivament mir-razza jew l-oriġini etnika — Artikolu 3(1)(g) — Edukazzjoni — Borża ta' studju mogħtija lil studenti li għaddew mill-Ewwel Eżami tal-Istat ta' Liġi)

1. "Ħadd ma jikkontesta li l-edukazzjoni taż-żgħar teħtieġ l-attenzjoni speċjali tal-leġiżlatur […] iżda għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-mistoqsija, x'inhi l-edukazzjoni […]" [2].

2. Il-leġiżlatur Ewropew tassew adotta leġiżlazzjoni għal dan il-għan, li, *inter alia* tirrikonoxxi d-dritt għal edukazzjoni bħala dritt fundamentali [3]. Madankollu, ma tax definizzjoni tal-kunċett ta' "edukazzjoni". Din it-talba għal deċiżjoni preliminari titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta għal din id-domanda antika, issa mqajma fil-kuntest tad-dritt tal-Unjoni, u b'mod iktar preċiż tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE [4]. X'inhi l-edukazzjoni?

Il-kuntest ġuridiku

Id-Direttiva 2000/43

3. L-għan tad-Direttiva 2000/43 huwa li tistabbilixxi l-qafas għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza jew l-oriġini etnika [5].

4. L-Artikolu 2(1) jipprojbixxi kemm id-diskriminazzjoni diretta kif ukoll dik indiretta bbażata fuq ir-razza jew l-oriġini etnika. L-Artikolu 2(2) jiddefinixxi diskriminazzjoni diretta bħala li "tiġri fejn persuna tiġi ttrattata inqas favorevolment minn oħra, kienet jew tkun sejra tiġi ttrattata f'sitwazzjoni komparabbli għal raġunijiet ta' l-oriġini tar-razza jew l-etniċità" u diskriminazzjoni indiretta bħala li

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 " τι μὲν ο ν τ νομοθέτ μάλιστα πραγματευτέον περ τ ν τῶν νέων παιδείαν, ο δε ς ν μφισβητήσειε […] τίς δ ἔσται παιδεία […] δε μ λανθάνειν". Aristotile, *Politika*, ktieb 8.

3 Artikolu 14 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2000, C 364, p. 1) (iktar 'il quddiem, il-"Karta").

4 Direttiva tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23).

5 Artikolu 1.

"tiġri fejn dispożizzjonijiet, kriterju jew prattika apparentement newtrali, jitfgħu persuni ta' oriġini, ta' razza jew grupp etniku fi żvantaġġ partikolari pparagunati ma' persuni oħra, għajr jekk din id-dispożizzjoniji, dan il-kriterja jew din il-prattika jkunu ġġustifikati oġġettivament minn mira leġittima u jekk il-mezzi għall-kisba ta' din il-mira jkunu sewwa u meħtieġa".

5. L-Artikolu 3(1) jiddefinixxi l-portata tad-Direttiva bħala li tapplika "[f]il-limiti tal-poteri mogħtija lill-Komunità, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, f'dak li għandu x'jaqsam mas-setturi pubbliċi u privati, inklużi l-korpi pubbliċi, f'relazzjoni ma': […] (g) l-edukazzjoni […]".

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

6. Id-Direttiva 2000/43 ġiet trasposta fil-Ġermanja permezz tal-Allgemeines Gleichbehandlungsgesetz (il-Liġi Ġenerali dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament, iktar 'il quddiem l-"AGG").

7. Il-paragrafu 1 tal-AGG jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq, *inter alia*, ir-razza jew l-oriġini etnika. Il-paragrafu 2(1)(7), li jittrasponi l-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2000/43, jiddefinixxi l-portata tal-projbizzjoni bħala li tinkludi diskriminazzjoni fir-rigward ta', *inter alia*, l-edukazzjoni. Il-paragrafu 3(1) u (2) jiddefinixxi diskriminazzjoni diretta u indiretta pprojbita b'dik il-liġi.

Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

8. H. J. Maniero huwa ċittadin Taljan imwieled u residenti fil-Ġermanja. Fl-2013, kiseb Baċellerat tal-Liġi minn università fl-Armenja.

9. Fil-11 ta' Diċembru 2013, H. J. Maniero kkuntattja lill-iStudienstiftung des deutschen Volkes eV (Fondazzjoni Ġermaniża ta' Boroż ta' Studju Akkademiċi, iktar 'il quddiem il-"Fondazzjoni"), assoċjazzjoni rreġistrata li tagħti boroż ta' studju, bil-għan li japplika għal borża ta' studju għall-"Programm tal-Liġi Bucerius", relatat mal-promozzjoni ta' riċerka u studji legali f'pajjiżi barranin [6].

10. Il-Fondazzjoni wieġbet fis-17 ta' Jannar 2014 billi indikat li l-applikanti kellhom jgħaddu mill-Ewwel Eżami tal-Istat ta' Liġi. H. J. Maniero wieġeb li l-"lawrea wara kors ta' ħames snin" li kien kiseb fl-Armenja kienet paragunabbli għat-Tieni Eżami tal-Istat ta' Liġi peress li kienet tikkwalifika lid-detentur tagħha għal rwol ġudizzjarju jew biex jaġixxi bħala avukat f'dan l-Istat. Huwa ssuġġerixxa li r-rekwiżit tal-Fondazzjoni seta' jikser l-AGG inkwantu jikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza jew l-oriġini etnika.

11. H. J. Maniero ma applikax għall-borża ta' studju. F'korrispondenza sussegwenti mal-Fondazzjoni, huwa sostna li l-attitudni negattiva tal-Fondazzjoni kienet żammitu lura milli jagħmel dan.

12. H. J. Maniero ippreżenta rikors quddiem il-Landgericht (il-Qorti Reġjonali, il-Ġermanja) li permezz tagħha talab li l-Fondazzjoni tiġi ordnata tieqaf u ma tkomplix tiddiskrimina abbażi tal-età jew l-oriġini tiegħu u li tħallsu EUR 18 734.60 bħala danni u kumpens għal spejjeż ta' vjaġġar. Dak ir-rikors, kif ukoll l-appell minnu, ġew miċħuda.

13. Sussegwentement H. J. Maniero ppreżenta appell fuq punt ta' liġi quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federal tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) (iktar 'il quddiem, il-"qorti tar-rinviju").

6 Skont l-istatuti tagħha, l-għan tal-Fondazzjoni huwa li tippromwovi edukazzjoni ogħla għal żgħażagħ li t-talent xjentifiku jew artistiku għoli u l-personalità tagħhom jagħtu lok għal aspettattivi ta' kisbiet partikolari għas-servizz tal-komunità. L-għan tal-"Programm ta' Liġi Bucerius" huwa li jipprovdi lil gradwati tal-liġi fil-Ġermanja li jkunu partikolarment ikkwalifikati l-għarfien ta' sistemi legali u lingwi barranin kif ukoll l-esperjenza ta' għixien barra mill-pajjiż.

14. Din tal-aħħar osservat li l-appell jista' jintlaqa' biss jekk l-għoti tal-boroż ta' studju huwa kopert bil-kunċett ta' edukazzjoni fil-paragrafu 2(1)(7) tal-AGG, li jittrasponi l-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2000/43. Jekk dan ikun l-każ, il-kwistjoni sussegwenti hija dwar jekk ir-rekwiżit li student għandu jgħaddi mill-Ewwel Eżami tal-Istat ta' Liġi jikkostitwixxix jew le diskriminazzjoni indiretta pprojbita mill-paragrafu 3(2) tal-AGG, li jittrasponi l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/43. F'dan l-isfond, il-qorti tar-rinviju tistaqsi d-domandi segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-għoti permezz ta' assoċjazzjoni rreġistrata ta' boroż ta' studju, li huma intiżi li jippromwovu proġetti ta' riċerka jew ta' studji barra mill-pajjiż jaqa' taħt il-kunċett ta' 'edukazzjoni' fis-sens tal-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2000/43?

2) Fil-każ li l-ewwel domanda tiġi risposta fl-affermattiv:

Fil-każ tal-għoti tal-boroż ta' studju msemmija fl-ewwel domanda preliminari, ir-rekwiżit ta' parteċipazzjoni relatat mal-fatt li persuna tgħaddi mill-ewwel eżami tal-Istat ta' liġi fil-Ġermanja jikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta fil-konfront ta' kandidat fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/43/KE, meta l-kandidat, li jkun ċittadin tal-Unjoni Ewropea, effettivament kiseb kwalifika paragunabbli fi Stat li ma huwiex membru tal-Unjoni Ewropea, fejn l-għażla ta' dan il-post fejn kiseb il-kwalifika ma hijiex konnessa mal-oriġini etnika tal-kandidat, iżda abbażi tar-residenza tiegħu ġewwa l-pajjiż u l-kapaċità tiegħu li jitkellem sewwa bil-Ġermaniż bħal ċittadin nazzjonali huwa kellu l-possibbiltà li jagħmel l-ewwel eżami tal-Istat ta' liġi wara li studja l-liġi fit-territorju nazzjonali?

F'dan ir-rigward, tagħmel differenza li l-għan imfittex mill-programm ta' boroż ta' studji, mingħajr ma huwa marbut ma' karatteristiċi diskriminatorji, huwa li jipprovdi lil persuni li ggradwaw fl-istudji tal-liġi fil-Ġermanja, billi jippromwovi proġett ta' riċerka jew ta' studji barra mill-pajjiż, l-għarfien ta' sistemi ta' liġi barranija, esperjenza barra mill-pajjiż u tagħlim ta' lingwi?"

15. Ġew sottomessi osservazzjonijiet bil-miktub mill-Fondazzjoni, mill-Gvern Ġermaniż u mill-Kummissjoni Ewropea. Fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2018 saru sottomissjonijiet orali minn H. J. Maniero, mill-Fondazzjoni, mill-Gvern Ġermaniż u mill-Kummissjoni.

16. Kif mitlub mill-Qorti tal-Ġustizzja, f'dawn il-konklużjonijiet ser nillimita ruħi sabiex neżamina l-ewwel domanda.

Evalwazzjoni

17. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-għoti ta' boroż ta' studju bil-għan li jippromwovu proġetti ta' riċerka u studji barra mill-pajjiż minn assoċjazzjoni rreġisitrata jaqax fil-portata tal-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2000/43 inkwantu huwa relatat mal-"edukazzjoni". Mill-bidu nett, ninnota li din il-kawża tirrigwarda l-kunċett ta' "edukazzjoni" fil-kuntest tad-Direttiva 2000/43 u *mhux* l-implikazzjonijiet possibbli għar-rikonoxximent tad-diplomi jew għall-moviment liberu tal-persuni.

18. Il-Fondazzjoni u l-Gvern Ġermaniż jissottomettu li l-kunċett ta' edukazzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jinkludix l-għoti ta' boroż ta' studju. Huma jibbażaw l-argumenti tagħhom prinċipalment fuq l-istorja leġiżlattiva u l-istruttura tad-Direttiva.

19. Min-naħa l-oħra l-Kummissjoni targumenta li d-Direttiva 2000/43 għandha tiġi interpretata b'mod wiesa', argument li miegħu jaqbel H. J. Maniero. B'hekk l-għoti ta' boroż ta' studju għandu jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tat-terminu "edukazzjoni" fl-Artikolu 3(1)(g).

20. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-ħtieġa ta' applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jirrikjedu li l-kliem ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma jagħmel ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri bl-iskop li jiġu stabbiliti t-tifsira u l-portata tagħha għandhom normalment jingħataw interpretazzjoni awtonoma u uniformi fl-Unjoni Ewropea kollha. Filwaqt li l-formulazzjoni tad-Direttiva 2000/43 ma jagħtix gwida speċifika dwar kif għandu jinftiehem it-terminu "edukazzjoni", din lanqas ma tagħmel riferiment għal-liġijiet nazzjonali fir-rigward tat-tifsira ta' dak it-terminu. Minn dan isegwi li t-terminu "edukazzjoni" għandu, għall-finijiet tad-Direttiva, jitqies li jirreferi għal kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni li għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fl-Istati Membri [7].

21. Kif iddeċidiet b'mod konsistenti l-Qorti tal-Ġustizzja, id-determinazzjoni tat-tifsira u tal-portata ta' terminu li għalih id-dritt tal-Unjoni ma jagħti l-ebda definizzjoni għandha tiġi stabbilita skont is-sens abitwali tagħha fil-lingwaġġ kurrenti, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-kuntest li fih jintuża u l-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni li jifforma parti minnha [8].

22. L-edukazzjoni normalment hija pperċepita bħala "the act or process of acquiring knowledge, especially systematically during childhood and adolescence" [9]. Definizzjonijiet illustrattivi tal-"edukazzjoni" ma humiex nieqsa [10]; l-International Standard Classification of Edukazzjoni (2011) jipproponi: "il-proċessi li bihom soċjetajiet deliberament jittrażmettu informazzjoni akkumulata, għarfien, ftehim, attitudnijiet, valuri, ħiliet, kompetenzi u mġieba mifruxa fuq ġenerazzjonijiet differenti. Tinvolvi komunikazzjoni intiża biex twassal għat-tagħlim" [11]. Minn dan isegwi li l-edukazzjoni hija proċess intelletwali. L-edukazzjoni għalhekk hija magħmula minn żewġ aspetti, l-ewwel wieħed sostanzjali (huwa "intelletwali") u l-ieħor funzjonali (huwa "proċess"). Normalment, iżda mhux dejjem, l-edukazzjoni sseħħ fi skola jew f'università. Nipproponi l-inklużjoni tar-riċerka fit-terminu, meta ssir fi stabbiliment edukattiv, peress li l-għan ta' tali riċerka huwa l-akkwist u t-trażmissjoni ta' għarfien iktar milli l-iżvilupp ta' għanijiet kummerċjali. Minkejja li l-edukazzjoni normalment tirreferri għal persuni ta' età żgħira, għandu jiġi enfasizzat li l-edukazzjoni tirrigwarda l-etajiet kollha. It-tagħlim tul il-ħajja llum għandu rwol importanti fl-evoluzzjoni professjonali u personali ta' individwi [12]. Għalhekk, hemm inizjattivi bħall-"università tat-terza età" li tippermetti lil dawk li rtiraw mill-ħajja ekonomika attiva li jespandu l-għarfien tagħhom.

23. Mit-tifsira li normalment tingħata lill-kelma "edukazzjoni" li, nosserva, hija wiesgħa ferm, ma huwiex evidenti li l-għoti ta' borż ta' studju huwa neċessarjament inkluż fil-portata tagħha.

7 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2017, J. D. (C-4/16, EU:C:2017:153, punti 23 u 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

8 Sentenza tat-3 ta' Settembru 2014, Deckmyn u Vrijheidsfonds (C-201/13, EU:C:2014:2132, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

9 Din id-definizzjoni ta' edukazzjoni tinsab fil-Collins English Dictionary. L-Oxford English Dictionary jgħid "the process of giving or receiving systematic instruction, especially at a school or University". Meħuda flimkien, iż-żewġ definizzjonijiet jikkorrispondu ma' dak li normalment tfisser "edukazzjoni".

10 Bil-Franċiż, id-definizzjoni ta' "edukazzjoni" mill-Petit Robert jidhirli li hija saħansitra usa': "mise en œuvre des moyens propres à assurer la formation et le développement d'un être humain". Bil-Ġermaniż, il-lingwa tal-proċedura f'din il-kawża, id-Duden — Deutsches Universalwörterbuch jagħti, taħt "Bildung", "a) das Bilden (5), Erziehung: die B. der Jugend; mehr für die B. tun; b) das Gebildetsein; das Ausgebildetsein; erworbenes Allgemeinwissen: eine wissenschaftliche, künstlerische, humanistische B.; seine B. vervollständigen, vertiefen; eine umfassende B. besitzen; eine vorzügliche B. erhalten; ein Mann von B. (ein gebildeter Mann); das gehört zur allgemeinen B. (das sollte jeder Gebildete wissen); c) (seltener) gutes Benehmen: sie hat keine B. (weiß nicht, was sich schickt)".
Minn perspettiva etimoloġika, studju tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti tad-direttiva juru li sebgħa minnhom (l-Ingliż: "education", il-Franċiż: "éducation", il-Malti: "edukazzjoni", il-Pollakk: "edukacji", il-Portugiż: "educação", ir-Rumen: "educaţia", u l-Ispanjol: "educación") jużaw kelma li etimoloġikament ġejja mill-verb Latin *educare*"tkabbar, trabbi, teduka", relatat ma' *educere*"toħroġ, tagħti direzzjoni".

11 L-International Standard Classification of Education hija r-riferiment għall-klassifikazzjoni internazzjonali għall-organizzazzjoni ta' programmi edukattivi u kwalifiki relatati b'livelli u oqsma proposti mill-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-Nazzjonijiet Uniti. Dik id-definizzjoni hija parzjalment riprodotta bħala d-definizzjoni ta' "edukazzjoni" fl-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja (ĠU 2008, L 145, p. 227).

12 Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU 2013, L 347, p. 50) jiddefinixxi "tagħlim tul il-ħajja" bħala "l-edukazzjoni ġenerali kollha, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, it-tagħlim informali u t-tagħlim mhux formali li jkun sar tul il-ħajja, li jwassal għal titjib fl-għarfien, fil-ħiliet u fil-kompetenzi jew il-parteċipazzjoni fis-soċjetà f'perspettiva personali, ċivika, kulturali, soċjali u/jew tkun relatata mal-impjieg, inkluż l-għoti ta' servizzi ta' konsulenza u gwida".

24. Għalhekk ser indur fuq il-kuntest u l-għan tar-regoli li minnhom dan it-terminu jifforma parti.

25. L-għan tad-Direttiva 2000/43 huwa li tipprovdi qafas għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tar-razza jew tal-oriġini etnika, sabiex timplimenta l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fl-Istati Membri[13]. Hija tagħti espressjoni speċifika, fil-kamp tal-applikazzjoni tagħha, lill-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni abbażi tar-razza u tal-oriġini etnika stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta[14]. Il-preambolu tad-Direttiva jiddeskrivi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni bħala dritt universali u f'dan is-sens jirreferi għal diversi ftehimiet internazzjonali li jirrikonoxxu dan id-dritt[15].

26. Barra minn hekk, fil-premessi 9, 12 u 13, il-leġiżlatur tal-Unjoni spjega li (i) id-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza jew l-oriġini etnika tista' tippreġudika l-kisba tal-għanijiet tat-Trattat, b'mod partikolari l-kisba ta' livell għoli ta' impjiegi u protezzjoni soċjali, it-titjib tal-livell ta' għixien u tal-kwalità tal-ħajja, u l-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali u s-solidarjetà, u tista' tippreġudika wkoll l-għan li l-Unjoni Ewropea tiżviluppa f'żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u (ii) il-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni ta' dan it-tip hija intiża, b'mod partikolari, sabiex tiżgura l-iżvilupp ta' soċjetatjiet demokratiċi u tolleranti li jippermettu l-parteċipazzjoni tal-persuni kollha irrispettivament mir-razza jew mill-oriġini etnika tagħhom[16].

27. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/43 huwa wiesa'. Minn naħa, hija *ratione personae*, inkwantu tkopri l-persuni kollha u tipproteġihom minn diskriminazzjoni abbażi tar-razza jew tal-oriġini etnika[17]. Din il-protezzjoni tapplika kemm għas-setturi pubbliċi kif ukoll għal dawk privati, inklużi l-organi pubbliċi[18]. Min-naħa l-oħra, hija *ratione materiae*, inkwantu tmur lil hinn mill-aċċess għall-attivitajiet tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom u tkopri l-oqsma kollha elenkati fl-Artikolu 3(1)[19].

28. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat b'mod konsistenti, fid-dawl tal-għan tad-Direttiva 2000/43 u tan-natura tad-drittijiet li hija intiża li tipproteġi, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha ma jistax jiġi ddefinit b'mod restrittiv[20]. Dik il-konklużjoni tapplika għat-termini tad-Direttiva li jiddefenixxu l-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tagħha, bħall-impjieg, il-gwida vokazzjonali u t-taħriġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-protezzjoni u l-benefiċċji soċjali u, ovvjament l-edukazzjoni[21].

29. Din l-interpretazzjoni wiesgħa tat-terminu "edukazzjoni" tkopri wkoll l-għoti ta' borża ta' studju?

30. L-għoti ta' borża ta' studju ma jikkorrispondix, bħala tali, għall-proċess intelletwali li jikkostitwixxi edukazzjoni. Huwa jikkonċerna l-aċċess għall-edukazzjoni.

31. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi, l-aċċess għall-edukazzjoni huwa komponent essenzjali tal-edukazzjoni fiha nnifisha, speċjalment fil-kuntest ta' strument legali li jiġġieled kontra d-diskriminazzjoni.

13 Artikolu 1.

14 Sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, CHEZ Razpredelenie Bulgaria (C-83/14, EU:C:2015:480, punti 58 u 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

15 Premessa 3.

16 Ara wkoll is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, CHEZ Razpredelenie Bulgaria, (C-83/14, EU:C:2015:480, punt 74).

17 Artikolu 3(1) u l-premessa 16. Il-protezzjoni offruta tkopri, fejn ikun il-każ, lill-persuni ġuridiċi meta jsofru diskriminazzjoni minħabba r-razza jew l-oriġini etnika tal-membri tagħhom.

18 Artikolu 3(1).

19 Ara l-premessa 12 tad-Direttiva u s-sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Runevič-Vardyn u Wardyn (C-391/09, EU:C:2011:291, punti 41 u 42). F'dan ir-rigward, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa usa' minn dak tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

20 Sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, CHEZ Razpredelenie Bulgaria (C-83/14, EU:C:2015:480, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-aċċess għall-merkanzija u għall-provvista tagħha (Artikolu 3(1)(h) tad-Direttiva 2000/43), is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, CHEZ Razpredelenie Bulgaria (C-83/14, EU:C:2015:480, punt 43).

32. Fil-fatt, għall-finijiet tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, jekk l-aċċess għall-edukazzjoni kellu jitneħħa, x'jibqa' fil-kunċett ta' "edukazzjoni"? Fi klassi, (biex nieħdu l-idea klassika ta' edukazzjoni), kulħadd jista' jpoġġi fuq quddiem u kulħadd jista' jistaqsi mistoqsijiet. Illum lanqas huwa konċepibbli li ċertu grupp etniku jkollu jpoġġi fuq wara u ma jitħalliex ikellem lill-għalliem. Ovvju bl-istess mod huwa l-fatt li l-istudenti kollha għandhom jiġu eżaminati skont l-istess kriterji, abbażi tal-ħiliet tagħhom u mhux tar-razza jew tal-oriġini etnika tagħhom; u l-istudeni kollha għandhom jiksbu l-istess diploma wara li jtemmu b'suċċess l-istess klassijiet [22]. Madankollu l-possibbiltà ta' ammissjoni taħt l-istess kundizzjonijiet fl-iskejjel kollha u fil-klassijiet kollha tikkorrispondi mal-*aċċess* għall-edukazzjoni. Mingħajr dak l-aċċess, ma jistax ikun hemm edukazzjoni. Biex inkun ċara, il-kelma "edukazzjoni" neċessarjament timplika l-kliem "aċċess għall-" edukazzjoni; huma koeżistenti u kodipendenti u s-separazzjoni tagħhom tiżnatura lid-Direttiva mill-għan tagħha li tiġġieled id-diskriminazzjoni relatata mal-edukazzjoni.

33. Ovvjament, l-aċċess għall-edukazzjoni għandu ħafna komponenti. Jista' jkun l-aċċess fiżiku għal binja; l-impożizzjoni ta' sistema ta' *numerus clausus* biex jiġi limitat in-numru ta' studenti; l-abbiltà li tissellef jew tixtri kotba; l-abbiltà li tħallas għall-ispejjeż biex tgħix (fost ħafna oħrajn). B'hekk, skejjel, universitajiet u istituzzjonijiet oħra ta' spiss jagħtu boroż ta' studju biex ikopru l-ispejjeż ta' programmi edukattivi, spejjeż ta' safar meta tkun tistudja barra jew spejjeż ta' manteniment (kemm fi flus jew in natura, bħal akkomodazzjoni jew ikel b'xejn).

34. Il-finanzjament huwa aspett essenzjali tal-aċċess għall-edukazzjoni. Li teskludi ċertu grupp etniku minn dak il-finanzjament ifisser, speċjalment għall-programmi edukazzjonali li l-ispejjeż tagħhom huma għoljin ferm, li qed teskludi lil dak il-grupp mill-edukazzjoni. Dan iwettaq diskriminazzjoni kontra dan il-grupp inkwistjoni. Kif iddikjarat il-Kummissjoni fil-Proposta għal Direttiva tagħha, edukazzjoni ta' livell għoli hija pre-rekwiżit għal integrazzjoni ta' suċċess fis-soċjetà u l-ugwaljanza fit-trattament fil-proċeduri ta' selezzjoni (jiġifieri, fl-aċċess għall-edukazzjoni) ma għandhiex tingħata l-ġenb [23]. Interpretazzjoni teleoloġika ta' "edukazzjoni" timmilita b'mod ċar favur l-inklużjoni ta' aspetti ta' aċċess għall-edukazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

35. Analiżi tat-terminu "edukazzjoni" fil-kuntest iktar ġenerali tad-dritt tal-Unjoni timmilita lejn l-istess konklużjoni. Id-dritt għall-edukazzjoni (u aċċess għal taħriġ vokazzjonali) kif ukoll il-protezzjoni minn diskriminazzjoni abbażi ta' razza jew oriġini etnika huma drittijiet fundamentali rrikonoxxuti bl-Artikoli 14 u 21 tal-Karta rispettivament. Meta tingħata deċiżjoni dwar kif għandu jiġi interpretat it-terminu "edukazzjoni" fil-kuntest tad-Direttiva 2000/43, huwa importanti li jiġi kkunsidrat li l-kwistjoni tinsab bejn żewġ drittijiet fundamentali.

36. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja diġà interpretat il-kunċett ta' edukazzjoni b'mod wiesa' f'kawżi li jirrigwardaw ugwaljanza fit-trattament, sabiex jinkludu aspetti ta' aċċess għall-edukazzjoni. B'hekk, fi proċeduri li tressqu minn żewġ studenti Ġermaniżi wara li l-Pajjiżi l-Baxxi rrifjutaw li jagħtuhom finanzjament għall-istudju bl-istess mod bħall-istudenti Olandiżi, il-Qorti tal-Ġustizzja

22 Nieqaf biex nosserva li s-segregazzjoni fl-edukazzjoni abbażi tar-razza jew tal-oriġini etnika kienet ir-regola taħt is-sistema ta' apartheid tal-Afrika ta' Isfel; u n-nisa, anke jekk kienu jagħmlu l-istess eżamijiet bħall-irġiel, ma kinux aċċettati għal lawriji fl-Università ta' Cambridge sa' Diċembru 1947.

23 Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità, COM(1999) 566 finali (iktar 'il quddiem, il-"Proposta tal-Kummissjoni"), p. 5.

ddeċidiet li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għall-ammissjoni għal korsijiet edukattivi għal tfal ta' ħaddiema migranti fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68 [24] ma jirreferix biss għar-regoli dwar l-ammissjoni fiha nnifisha, iżda wkoll għal miżuri ġenerali intiżi sabiex jiffaċilitaw l-attendenza edukattiva [25].

37. Bl-istess mod, fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tat-Trattat KEE (illum l-Artikolu 21(2) TFUE), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-aċċess għal taħriġ vokazzjonali ma tapplikax biss għar-rekwiżiti stipulati mill-istabbilimenti edukattiv inkwistjoni, bħal miżati ta' dħul; iżda wkoll għal kwalunkwe miżura li tista' tipprekludi l-eżerċizzju ta' dak id-dritt, bħad-dritt ta' residenza fl-Istat Membru fejn isir il-kors [26].

38. F'Bidar, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li wara l-introduzzjoni tal-kunċett ta' ċittadinanza tal-Unjoni fit-Trattat KE flimkien mal-introduzzjoni ta' kapitolu ddedikat, *inter alia*, għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fit-Trattat KE, is-sitwazzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni li huwa residenti b'mod legali fi Stat Membru ieħor tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità għall-finijiet tal-kisba ta' għajnuna lill-istudenti intiża sabiex tkopri l-ispejjeż ta' manteniment, fil-forma ta' self issussidjat jew ta' għotja. Il-Qorti tal-Ġustizzja hawnhekk ma għamlitx differenza bejn l-aspetti differenti tal-aċċess għall-edukazzjoni koperti bil-finanzjament [27].

39. Barra minn hekk, kif issottomettiet il-Kummissjoni waqt is-seduta, minkejja li l-Artikolu 165 TFUE li jirregola l-kompetenza tal-Unjoni Ewropea dwar l-edukazzjoni ma jsemmix espressament il-finanzjament tal-istudji, dak l-artikolu serva bħala bażi legali sabiex jiġi stabbilit il-programm Erasmus+, li jinkludi, *inter alia*, finanzjament għall-mobbiltà fit-tagħlim tal-individwi [28]. Fl-opinjoni tiegħi, dan jirrifletti l-importanza mogħtija lill-aċċess għall-edukazzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni bħala aspett essenzjali tal-edukazzjoni.

40. Madankollu, biex jiġi deċiż jekk l-għoti ta' borża ta' studju jew ta' għotja huwiex inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2000/43, ma nemminx li wieħed għandu jfittex gwida mill-Artikolu 11(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE (idea li ġiet esplorata fis-seduta) [29]. Din id-dispożizzjoni tirrigwarda ugwaljanza fit-trattament bejn residenti għat-tul u ċittadini tal-Istat Membru ospitanti fir-rigward ta' "edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, inklużi għotjiet ta' studju skond il-liġi nazzjonali". Mir-riferiment għal-"liġi nazzjonali" huwa evidenti li l-interpretazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni, sa fejn tirrigwarda "għotja ta' studju", ma għandhiex issir taħt il-prinċipji applikabbli għal kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni (ara l-punti 20 u 21 iktar 'il fuq). F'dan l-isfond, u fid-dawl tal-portata *ratione personae* u *ratione materiae* taż-żewġ direttivi, ma jidhirlix li huwa xieraq li tintuża d-Direttiva 2003/109 għall-interpretazzjoni ta' "edukazzjoni" fil-kuntest tad-Direttiva 2000/43.

24 Regolament tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15), imħassar bir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2001 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2011, L 141, p. 1). Ninnota li r-Regolament serva bħala ispirazzjoni għall-Kummissjoni u l-ispjegazzjoni ta' wħud mit-termini użati fil-Proposta tal-Kummissjoni għad-Direttiva 2000/43; p. 7.

25 Ara s-sentenza tal-15 ta' Marzu 1989, Echternach and Moritz (389/87 u 390/87, EU:C:1989:130, punt 33). F'kawża preċedenti li wkoll kienet tirrigwarda l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fis-sentenza tat-3 ta' Lulju 1974, Casagrande (9/74, EU:C:1974:74, punt 7), li "l-integrazzjoni tippresupponi li, fil-każ ta' wild ta' ħaddiem barrani li jixtieq li jkollu edukazzjoni sekondarja, dan il-wild jista' jgawdi minn benefiċċji […] relatati ma' għotjiet edukattivi, bl-istess kundizzjonijiet bħal ċittadini li jinsabu f'pożizzjoni simili" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

26 Sentenza tas-26 ta' Frar 1992, Raulin (C-357/89, EU:C:1992:87, punt 34).

27 Sentenza tal-15 ta' Marzu 2005 (C-209/03, EU:C:2005:169, punti 39 sa 42). Din is-sentenza kienet evoluzzjoni minn ġurisprudenza preċedenti li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddikjarat li, f'dak l-istadju ta' evoluzzjoni tad-dritt Komunitarju (dak iż-żmien), l-edukazzjoni u l-għajnuna mogħtija lill-istudenti għall-manteniment u t-taħriġ ma kinitx taqa' fil-kompetenza tal-KEE; ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 1988, Lair (39/86, EU:C:1988:322, punt 15).

28 Regolament (UE) Nru 1288/2013.

29 Direttiva 2003/109 tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272).

41. Fir-rigward tal-istorja leġiżlattiva tad-Direttiva 2000/43, l-Artikolu 3(1)(g) tal-Proposta tal-Kummissjoni spjega li l-portata tat-terminu "edukazzjoni" għandu "jinkludi għotjiet u boroż ta' studju, filwaqt li jirrispetta għalkollox ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri għal dak li hu kontenut ta' tagħlim u l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni u d-diversità kulturali u lingwistika tagħhom" [30]. [traduzzjoni mhux uffiċjali] Madankollu, dawn l-ispjegazzjonijiet tneħħew mit-test finali tad-direttiva adottata mill-Kunsill. Il-Fondazzjoni u l-Gvern Ġermaniż jikkunsidraw li dan jindika li l-leġiżlatur tal-Unjoni deliberatament għażel li jeskludi għotjiet u boroż ta' studju mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni.

42. Ma naqbilx ma' din l-interpretazzjoni.

43. Is-sentenza li tneħħiet mit-test finali kienet tinkludi wkoll l-obbligu li tiġi osservata r-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħhom. Dik is-sentenza tirripoduċi *verbatim* l-Artikolu 165(1) TFUE li tistabbilixxi l-kompetenza tal-Unjoni dwar l-edukazzjoni. Għalkemm din tal-aħħar ma huwiex fost il-bażi legali tad-Direttiva 2000/43, ir-*ratione materiae* ta' din id-direttiva huwa ovvjament limitat skont is-setgħat mogħtija lill-Unjoni [31]. Għalhekk, l-intenzjoni tal-leġiżlatur li jneħħi s-sentenza "li jirrispetta għal kollox ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri għal dak li hu kontenut ta' tagħlim u l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni u d-diversità kulturali u lingwistika tagħhom" mill-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2000/43 ma setgħetx kienet sabiex jiġi mibdul il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, minkejja li ma hemmx ċertezza dwar l-għan tal-leġiżlatur meta ħassar din il-formulazzjoni, it-tneħħija ta' lingwaġġ ripettittiv tista' tkun spjegazzjoni ċertament plawżibbli. It-tħassir jissemplifika l-formulazzjoni tad-dispożizzjoni mingħajr ma jibdel l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, filwaqt li jenfasizza n-natura awtonoma tat-termini użati billi jitneħħa r-riferiment għas-setgħat tal-Istati Membri. Loġikament, l-istess konklużjoni tapplika għall-ewwel parti tas-sentenza li tneħħiet, jiġifieri "inklużi għotjiet u boroż ta' studju". Il-Fondazzjoni u l-Gvern Ġermaniż jargumentaw li dawk il-kliem tneħħew biex tiġi ristretta d-definizzjoni. Iżda jista' jkun ukoll l-oppost: b'mod speċifiku li t-tħassir sar biex tiġi żgurata definizzjoni wiesgħa.

44. Din il-konklużjoni ma tinbidilx bil-fatt li termini oħra li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (fil-punti (a) sa (e) u (h) tal-Artikolu 3(1)) huma spjegati ulterjorment b'sentenza li tibda bil-kelma "inklużi". Lanqas ma jien konvinta bl-argument li l-fatt li l-gwida vokazzjonali u t-taħriġ huma msemmija b'mod separat, fl-Artikolu 3(1)(b), juri intenzjoni li jiġi ristrett il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' edukazzjoni.

45. Gwida vokazzjonali u taħriġ huma marbuta mill-qrib mal-aċċess għall-impjieg u għalhekk huma msemmija b'mod dirett wara dan l-aspett. Fi żmien meta t-taħriġ vokazzjonali kien l-uniku terminu marbut mal-edukazzjoni fit-Trattat KE, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, bħala regola ġenerali, l-istudji universitarji jikkostitwixxu "taħriġ vokazzjonali" skont it-tifsira tal-Artikolu 128 KEE u għalhekk miżata għad-dħul addizzjonali mitluba lil studenti li kienu ċittadini ta' Stati Membri oħra kienet diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità li tmur kontra l-Artikolu 7 KEE. Huwa evidenti li, f'dak il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat b'mod wiesa' u deliberat it-terminu "taħriġ vokazzjonali" sabiex tipprojbixxi diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità fl-edukazzjoni universitarja. Hawnhekk, hawn analoġija ma' dan il-każ inkwantu l-istess metodi ta' interpretazzjoni għandhom jiġu użati sabiex ikun hemm applikazzjoni iktar wiesgħa tar-regola inkwistjoni [32].

46. Fis-seduta l-Kummissjoni ssottomettiet li l-għoti ta' boroż ta' studju jista' jiġi kopert ukoll bl-Artikolu 3(1)(f) tad-Direttiva 2000/43 (benefiċċji soċjali). Din il-kwistjoni tista' tkun importanti jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-għoti tal-boroż ta' studju ma jaqgħux fil-portata tad-definizzjoni ta' edukazzjoni.

30 Proposta tal-Kummissjoni, p. 8.

31 Artikolu 3(1) tad-Direttiva.

32 Ara s-sentenza tat-2 ta' Frar 1988, Blaizot *et* (24/86, EU:C:1988:43, punti 10 sa 24, b'mod partikolari l-punti 19, 20 u 24).

47. Il-Proposta tal-Kummissjoni tiddikjara li benefiċċji soċjali huma ta' natura ekonomika jew kulturali, bħal konċessjoni għall-ivvjaġġar bit-trasport pubbliku jew ikliet issussidjati fi skejjel għal tfal minn familji bi dħul baxx [33]. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li għajnuna mogħtija għall-manteniment u għall-edukazzjoni bil-għan ta' twettiq ta' studji universitarji ċċertifikati bi kwalifika professjonali tikkostitwixxi benefiċċju soċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 [34]. Fl-opinjoni tiegħi, dan ikopri finanzjament ta' studju li huwa "orizzontali" – jiġifieri, mogħti lil kulħadd skont kriterji relatati pereżempju mad-dħul jew is-sitwazzjoni ta' impjieg tal-istudenti jew tal-ġenituri tagħhom. Nikkunsidra tali każijiet kemm bħala relatati mal-aċċess għall-"edukazzjoni" kif ukoll li jikkostitwixxu "benefiċċju soċjali". Dan ifisser li ma jistax jiġi eskluż li hemm sovrappożizzjoni bejn iż-żewġ dispożizzjonijiet. Madankollu, fejn jingħata finanzjament lil numru limitat ta' studenti skont kriterji relatati mar-riżultati akkademiċi tagħhom jew ħiliet oħra (kif jidher li huwa l-każ fil-kawża prinċipali), fl-opinjoni tiegħi l-finanzjament għandu jitqies li jaqa' taħt il-portata tad-definizzjoni ta' "edukazzjoni".

48. Minn dan kollu jirriżulta li t-terminu "edukazzjoni" fil-kuntest tad-Direttiva 2000/43 għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' u dan jinkludi aspetti li huma relatati mal-aċċess għall-edukazzjoni, bħall-finanzjament permezz ta' borża ta' studju. Madankollu, għandu jkun hemm rabta ġenwina bejn il-finanzjament u l-edukazzjoni. Borża ta' studju jkollha tali rabta meta tkopri, pereżempju, miżati għad-dħul u għat-tagħlim, spejjeż ta' vvjaġġar relatati mal-korsijiet li jsiru fi Stat ieħor, jew spejjeż ta' manteniment, meta l-għan huwa li l-istudenti jkunu jistgħu jattendu l-korsijiet tagħhom [35]. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika dawn l-aspetti.

49. Għaldaqstant nikkonkludi li l-kunċett ta' "edukazzjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva 2000/43 jinkludi l-għoti ta' borża ta' studju intiżi sabiex jippromwovu proġetti ta' riċerka u studju barra mill-pajjiż. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk hemmx rabta ġenwina bejn il-finanzjament ipprovdut u l-"edukazzjoni".

Konklużjoni

50. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda magħmula mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja):

Il-kunċett ta' "edukazzjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità, jinkludi l-għoti ta' borża ta' studju intiżi sabiex jippromwovu proġetti ta' riċerka u studju barra mill-pajjiż. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk hemmx rabta ġenwina bejn il-finanzjament ipprovdut u l-"edukazzjoni".

33 Proposta tal-Kummissjoni, p. 7.

34 Ara s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Depesme *et* (C-401/15 sa C-403/15, EU:C:2016:955, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Proposta tal-Kummissjoni hija espressament ispirata (fil-p. 7) mir-Regolament Nru 1612/68 fir-rigward tal-kunċett ta' "benefiċċji soċjali".

35 F'dan ir-rigward, jiena tal-fehma li d-dritt tal-Unjoni evolva ferm minn meta l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza tal-21 ta' Ġunju 1988, Brown (197/86, EU:C:1988:323, punt 18), li "fl-istadju attwali tal-evoluzzjoni tad-dritt Komunitarju, għajnuna mogħtija lil studenti għall-manteniment u għall-formazzjoni, bħala prinċipju ma taqax taħt il-qasam ta' applikazzjoni tat-Trattat KEE skont l-Artikolu 7 tiegħu" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ara s-sentenza tal-15 ta' Marzu 2005, Bidar (C-209/03, EU:C:2005:169, punti 39 sa 42), iċċitata fil-punt 38 iktar 'il fuq. Dan huwa l-każ, *a fortiori*, fil-kuntest tad-Direttiva 2000/43, fid-dawl tal-għan u l-istruttura tagħha, kif analizzat fil-punti 24 *et seq*. iktar 'il fuq.